MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 657/2012

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti zzewwget lill-intimat nhar il-5 ta' Awwissu 1995, skond kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala Dok. A;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mill-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mid-29 ta’ Lulju 2005, skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta’ separazzjoni personali hawn anness, esebita u mmarkata bhala Dok. B, b’dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separati minn xulxin u effettivament l-esponenti ghandha relazzjoni ma’ terza persuna, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B’hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit ta’ l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi skond il-Kuntratt ta’ Separazzjoni Personali taghhom (Dok. B), il-partijiet iddikjaraw illi huma kienu ddekadew mill-jedd taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi ghalhekk isegwi illi f’dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar il-5 ta’ Awwissu 1995, ai termini ta’ l-Artikolu 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta’ hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta’ l-Artikolu 66A(4) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta’ Jannar, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta’ Lulju, 2005 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi l-partijiet kienu iddekadew mid-dritt taghhom illi jircievu manteniment minghand xulxin;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------